MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 464/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Fabio Spatafora**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn mitejn u erbghin ewro w tnejn u sebghin centezmu (€2240.72) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici ghas-servizz ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *moble phone* bin-nurmu 9944 3915.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta’ qbid numerat 1312/09 u bl-imghax mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 10 ta’ Novembru, 2010 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------